# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 27 ta' Ottubru 2016

Rikors Guramentat Nru. 276 / 15RGM

Kawza fil-lista: 31

**A B**
**vs**
**L-Avukat Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia li permezz tad-digriet 7 ta' Jannar 2016 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezenta lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-17 ta' Mejju 2013 skont c-certifikat taz-zwieg;

2. Illi l-kunsens tal-partijet huma ivvizjat minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha - jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskjuzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzerwga;

4. Illi l-partijiet ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg setghat intelletwali jew rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens taz-zwieg.

Tghid ghalhekk l-intimata il-ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet li sehh fis-7 ta' Mejju 2013 huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi tenut ta' l-Att taz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta) kif sussegwentement emendat.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta in subizzjoni.

Rat li b'digriet tas-7 ta' Jannar 2016 innominat lill-Avukat Dr Patrick Valentino u lill-Prokuratur Legali Nadine Farrugia bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-assenti konvenuta.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati in rapprezentanza tal-konvenut assenti li eccipew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero` jirrizervaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jotjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat in-nota tal-attur tas-27 ta' April 2016, li permezz taghha ipprezenta l-affidavit tieghu u ta' tliet xhieda ohra.

Rat li ghalkemm b'digriet tat-8 ta' Gunu 2016 il-partijiet gew awtorizzati jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet, hadd minnhom ma ghamel dan fit-terminu moghti.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**:

**PROVI**

L-**attur** jixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 22) u jghid li hu kien iltaqa` mal-konvenuta fuq sit jismu F-Dating, fejn bdew jitkellmu u jiccettjaw. Damu tmien xhur jiccettjaw u jitkellmu fuq skype qabel ma ltaqghu. Hi kienet tinsisti hafna mieghu sabiex tigi Malta u tghix hajjitha hawnhekk u kienet qaltlu li meta tigi, kienet ser tara kif imorru flimkien u jekk jaqblu kienet tibqa` Malta.

Wara tmien xhur li kienu jitkellmu ommu xtratilha biljett biex mir-Russja tigi Malta. Hi kienet tghix go Vladivostok li tinsab kwazi hdejn ic-Cina u ghalhekk biex jitkellmu kien ikollhom il-problema tad-differenza fil-hin. Bil-biljett li baghtulha kienet giet Malta u bdiet tghix mieghu ghand ommu. Kellha l-visa ghal xahar u qabel ma telqet kienet insistiet hafna sabiex jizzewgu. Kienu ghamlu data taz-zwieg ezatt qabel ma kienet sejra lura lejn darha.

Wara gimghatejn giet lura ghax kellhom id-data tat-tieg iffissata ghal tliet xhur wara li kienet giet billi l-visa taghha kienet valida biss ghal tliet xhur. Kienet

mohhha biss fuq din il-visa biex tkun tista` tghix Malta minghajr ma jkollha ggeddidha. Izzewgu biss tliet xhur u nofs wara li kienu ltaqghu l-ewwel darba.

Kienu zzewgu fir-Registru Pubbliku u xhieda kienu ommu Concetta B u Carmelo Micallef. Il-visa taghha kienet se tiskadi l-ghada li zzewgu u ezatt wara li ghadda r-rit taz-zwieg u ffirmaw, kienet daret fuq ir-Registratur u talbitu l-permess tar-residenza.

Minn dakinhar inbidlet, tfal ma riditx u r-relazzjoni taghhom marret il-bahar. Ir-relazzjoni intima taghhom kienet fqira u ma kienet taghmel xejn id-dar imma kienet tghaddi gurnata shiha fuq il-laptop u tghidlu li qed ticcettja ma' qraba taghha bir-Russu.

Wara xi sena u nofs zwieg telqet lura lejn ir-Russja biex iggedded il-passaport. Ghamlet tmien xhur ir-Russja tghidlu li l-passaport ma kienx lest, u induna li ma kinitx ser tigi lura u riedet biss li ticcaqlaq minn pajjiz Shengen ghall-iehor.

Darba irnexxilu jidhol fuq l-iskype taghha u sab li kienet trid tiltaqa` ma' Taljan (Dok EA 1). Wara dakinhar indunat u biddlet il-passwords. Fetah il-kawza mill-ewwel ghaliex induna li ma kinitx thobbu izda zzewgitu biss biex takkwista freedom of movement. Irraporta wkoll ma' Identity Malta li kienet izzewgitu ghalhekk.

Tixhed bil-mezz tal-affidavit ukoll **Concetta B**, omm l-attur li tghid li hi kienet qaghdet xhud lill-konvenuta. Tghid li wara ftit gimghat li giet Malta iddecidew li jizzewgu ghaliex b'hekk setghet tibqa` Malta. Appena z-zwieg kien celebrat, il-konvenuta daret fuq il-persuna li ccelebrat u staqsietha *“Can I have the VISA now?”* Din qaltilha li trid tistenna ftit jiem u l-konvenuta ghamlet in-nervi u kienet dizappuntata anke meta marru jieklu Marsaxlokk. Ma kienx atteggjament ta' xi hadd li ghadu kif izzewweg hu kien ferhan. Ghall-ikla tat-tieg kienu ghaxar persuni u kollox sar ta' malajr. Wara d-data taz-zwieg kuljum kienet taghmel pressjoni fuq l-attur biex jiccekkjalha jekk il-visa kinitx lesta u quddiemha stess kienet taqbad argument qisu kien tort tieghu. Appena harget il-visa marret lura lejn pajjizha u ma gietx lura.

Tixhed bil-mezz tal-affidavit **Brigitte Gauci**, habiba tal-attur u ta' ommu. Tiftakar li wara li zzewgu kienet iltaqghet mieghu darbtejn, l-ewwel darba f'supermarket San Gwann u meta kienu qed ihallsu rat lilha tiggieled mieghu b'mod mhux normali quddiem in-nies. Hu beda jisthi quddiem in-nies u milli setghet tifhem l-argument kien ghaliex hi riedet tixtri xi affarijiet u ma xtrawhomx. It-tieni darba li rathom kienu l-Belt u quddiem in-nies bdiet tghajjru u dan kien ftit xhur wara z-zwieg.

Jixhed bil-mezz tal-affidavit ukoll **Carmel Micallef**, habib tal-attur li qaghad xhud lill-attur. Jghid li qabel izzewgu iltaqa` ftit li xejn mal-attur u l-mara tieghu hlief tliet darbiet meta hargu flimkien. Appena z-zwieg kien celebrat, il-konvenuta daret fuq il-persuna li ccelebrat u staqsietha ghal visa u qalet *"Can I have the VISA now?"* Din qaltilha li trid tistenna ftit jiem u l-konvenuta ghamlet in-nervi u kienet dizappuntata anke meta marru jieklu Marsaxlokk. Ma kienx atteggjament ta' xi hadd li ghadu kif izzewweg hu li kien ferhan. Ghall-ikla tat-tieg kienu ghaxar persuni u kollox sar ta' malajr. Wara d-data taz-zwieg l-attur kien jghidlu li l-konvenuta l-hin kollu tistaqsih ghall-visa ghax damet ftit ma waslet. Meta waslet il-visa hija telqet minn Malta.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Il-Qrati taghna dejjem irritenew l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku li jinhtieg is-salvagwardi necessarji. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma zzewgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment morali necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwiet ir-rit impost mill-ligi.

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Anna Tonna vs Alexander Tonna** moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991:

*"F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' xi kreditu likwidu jew responsabbilita' ta' xi kollizzjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u il-Qorti ma tistax thalli n-nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddecidu li kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fiz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din d-deskrizzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minnghajr dubbju."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' jannar 2006 intqal hekk:

*"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha u cioe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

Ta' l-istess fehma kienet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia** deciza fit-28 ta' Lulju 1987, fejn gie dikjarat illi:

*"Ghall-Qorti n-nullita' hi haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament."*

Din il-kawza qed issir ai termini tal-Artikolu 19 1 (d) (f) u (h) tal-Kap 255.

**L-Inkompatibilita' bejn l-Art 19 (1) (d) u l-Art 19 (1) (f)**

Spiss inghad mill-Qrati taghna, li kawza dwar annullament taz-zwieg imsejsa fuq is-subinciz (1)(f) kif ukoll fuq is-subinciz (1)(d) tikkontjeni talbiet kontradittorji, ghalkemm tali kontradizzjoni ma twassalx ghan-nullita' tal-att.

Fil-kawza fl-ismijiet **Kenneth Cefai vs Louise Cefai** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru 2011 ntqal:

*"Ghar-rigward tal-kompatibilita' tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirrabadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg kawzali ma tistax teknikament treggi."*

Fis-sentenza taghha tat-3 ta' Dicembru 2010 fl-ismijiet **George Baldacchino vs Yingchun Duan**, il-Qorti ta' l-Appell sehqet:

*"It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry(simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage".*

L-istess inghad fis-sentenza **Zammit vs Zammit** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Jannar 2006 u s-sentenza **Arqueros vs Arqueros Moreno** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju 2010.

Ghalkemm kif inghad iktar 'l fuq, dan il-kontradittorju fil-premessi u t-talbiet tal-attur ma jwasslux ghan-nullita` tal-att, immankabilment idghajfu l-azzjoni attrici ghaliex donnu l-attur stess ma hux cert fuq liema binarju qed isejjes il-kawza minnu promossa.

**Artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255**

Dan jipprovdi illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.

Dwar din il-kawzali inghad fil-kawza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Lulju 2003:

*"Il-kuncett tad-'discretio judici' ma jirrekjedhiex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett ta' diskrezzjoni tal-giudizzju kif rikjest mill-ligi....Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghamilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u ir-responsabiltajiet li jgib maghha l-hajja mizzewwga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom."*

Fil-kawza **Melanie Borg Cachia vs Joseph Borg** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis 26 ta' Ottubru 2000 ntqal:

*"Id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga."*

Fil-kawza **Alessandra sive Sandra McMonagale qabel Mamo vs Mario Mamo** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2000 ntqal inter alia s-segwenti:

*"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrefletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."*

Aktar recenti, f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Simon Cusens vs Romina Cusens** moghtija fit-12 ta' Frar 2016 li permezz taghha giet konfermata sentenza moghtija fil-prim' istanza intqal illi :-

*"40. In propozitu jinsab ritenut fil-kawza Appell Civili Josette Spiteri v George Spiteri [Vol.LXXXV.II.81] li fil-gurisprudenza patria jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument tal-ghoti tal-*

*kunsens, parti jew ohra, tkun priva b'mod sostanzjali, jew ahjar "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritikovalutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju [Prim'Awla Selina CVella Haber v. Joseph Gatt – 15.4.1996].*

*41. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita` psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] (emfasis ta' din il-Qorti) jew konstituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali li tkun mahkuma minn impulsi nterni li "nehhewlha" l-liberta` tal-ghazla, li kienu determinanti ghal ghazla u mhux semplicement akkumpanjawha.*

*42. Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi pprovat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta.*

*43. "In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." [Bersini - citat fil-kawza Prim'Awla Angela Spiteri Selvaggi v. Joseph Spiteri deciza 4.11.1994].L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli diretta ghall-komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied. Din il-kapacita` li jassumi dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. [Prim'Awla Charles Atkins v. Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

*44. Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita` ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-caput nullitatis. Ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita` jew edukazzjoni, izda talanqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg [Prim'Awla Melanie Borg Cardona v. Joseph Borg deciza 29.10.2003] [vide ukoll Appell Civili Caroline Grech v. Ian Borg, deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati].*

*45. L-immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni "non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed*

*esaustiva di cio che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento, ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena" [Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrajn citati fil-kawza Prim'Awla Nicholas Agius v. Rita Agius deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza Appell Civili Caroline Grech v. Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006, [2006] supra].*

*46. Inoltre, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-kuncett ta' maturita` affettiva li jimporta "generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]" [Il Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini; citat fil-kawza Appell Civili Raymond Theuma v. Carmen Theuma deciza 27 ta' Jannar 2006]."*

Minn dan jista` jigi dezunt illi li meta parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, dan mhux necessarjament jammonta ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju li jwassal ghan-nullita` tal-kunsens.

Mill-provi prodotti mill-attur fil-proceduri odjerni, f'ebda mument ma rrizulta illi fil-mument tal-kunsens kien hemm xi nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jew xi anomalija psikologika da parti ta' xi wahda mill-partijiet li seta` jirrendi l-ghoti tal-kunsens da parti taghha wiehed null. Huwa minnu li l-partijiet izzewgu malajr, minghajr wisq hsieb u minghajr ma kienu jafu tajjeb lil xulxin, izda dan ix-xenarju ma jwassalx ghall-konkluzjoni illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat taht din il-kawzali, li, kif gja inghad ma tistax tigi prezunta izda trid tigi pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tikkonkludi illi l-kawzali imsejsa fuq l-Artikolu 19 1 (d) ma gietx sodisfacentement ippruvata.

**Artiklu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255**

Taht din il-kawzali, zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ. Fi kliem iehor, jehtieg li xi hadd mill-partijiet jkun ha decizjoni li

ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi a priori z-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg jkun qed jigi eskluz.

In tema legali issir riferenza ghad-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Anthony Gallo vs Dr Anthony Cutajar et noe** tat-28 ta' Mejju 2002 fejn intqal:

*"... [l-]perit legali sostniet li "meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jghati l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

*Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg."*

Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subincis gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzzjoni pozittiva ma kellhiex neccessarjament tirrizulta minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi manifestata bl-imgieba ta' xi parti fiz-zmien immedjatament qabel jew wara li jkun inghata l-kunsens.

Din il-Qorti tosserva illi huma bosta l-fatturi illi jindikaw illi dan iz-zwieg kien wiehed purament ta' konvenjenza ghall-konvenuta. Fl-ewwel lok hemm ix-xhieda mhux kontradetta tal-attur, illi jghid li sa mill-ewwel darba li l-konvenuta giet Malta u ltaqghet personalment mieghu, hija bdiet tinsisti sabiex jizzewgu, tant hu hekk li spiccaw izzewgu tliet xhur u nofs biss wara l-ewwel darba li ltaqghu. Jghid ukoll illi malli spicca r-rit taz-zwieg u ffirmaw, il-konvenuta daret fuq ir-Registratur u staqsietu ghall-Visa. Dan il-fatt gie korroborat miz-zewg xhieda, ommu Concetta B, u siehbu Carmel Micallef, u huwa ferm indikattiv tal-animu illi bih dahlet ghaz-zwieg il-konvenuta.

Minghajr dubju l-kulminu avvera ruhu meta bl-iskuza illi kien ser jaghlqilha l-passaport Russu, l-konvenuta marret lura lejn pajjizha u ma ghamlitx ritorn, minghajr ebda spjegazzjoni lill-attur, u wara biss sena u nofs zwieg. Dawn ic-cirkostanzi partikolari ma jhallu l-ebda dubju li l-konvenuta fil-mument tal-

kunsens, kienet qed teskludi a priori li tidhol f'*consortio familiaris* mal-attur. Dan jammonta ghal simulazzjoni totali li jivvizzja il-kunsens moghti fiz-zwieg, u dan ai termini tal-**Artiklu 19(1)(f) tal-Kap 255** tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tikkonkludi illi l-attur irnexxielu jipprova sodisfacentment illi kien hemm simulazzjoni da parti tal-konvenuta fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg fis-sens illi ghaliha dan kien biss zwieg ta' konvenjenza bl-iskop li tkun tista' tibqa' tghix gewwa Malta u takkwista l-liberta` tal-moviment.

**Artiklu 19(1)(h) tal-Kapitolu 255**

Kawzali ohra tal-attur hija msejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi zwieg huwa null jekk xi waħda mill-partijiet, għalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'moħħha, ma kellhiex fiż-żmien li sar iż-żwieġ, ukoll minħabba raġuni temporanja, setgħat intelletwali jew ta' rieda biżżejjed biex jinħoloq kunsens għaż-żwieġ.

Din l-ahhar kawzali ma ssib l-ebda riskontru fil-provi mressqa mill-attur u qieghda tigi ghalhekk respinta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba tal-attur, tiddikjara z-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti fis-17 ta' Mejju 2013, bhala null u bla effett fil-ligi billi il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-Artikolu 19 1 (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta b'dan illi d-drittijiet tal-kuraturi deputati jithallsu provvizorjament mill-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**